MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2158/2002

**Ashley Giordano**

**Vs**

**Aldo Giordano**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ hames mija u disgha u disghajn lira Maltija u disghajn centezmu (Lm599.90), arretratri ta’ premiums ta’ assikurazzjoni medika ta’ l-attrici li l-konvenut huwa tenut ihallas skond klwzola numru 9 tal-kuntratt ta’ separazzjoni tas-16 ta’ April 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontestat l-hlas peress:

(a) L-attrici ddekadiet mid-drittijiet pretizi.

(b) L-attrici ghandha taghti prova li fil-fatt assigurat ruhha u hallset tali ammont.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

(a) Il-kontendenti huma mizzewgin u sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat 16 ta' April 1996 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Marco Farrugia (fol. 4).

(b) Fi klawzola numru 9 tal-kuntratt gie miftiehem li:

***"The husband shall also pay all fees in respect of medical insurance cover for the wife and the three children, provided that the obligation assumed in favour of the wife shall automatically lapse if the parties' marriage is annulled or if a divorce decree is obtained or <u>if the wife cohabits with another person</u> or is maintained by him"***.

(c) F'xi zmien il-konvenut ma baqax jaghmel tajjeb ghall-assigurazzjoni ta' l-attrici u hija kienet kostretta taghmel tajjeb minn butha sabiex ikollha polza ta' assigurazzjoni li tkopri sahhitha.

(d) Wara s-separazzjoni l-attrici kellha relazzjoni ma' Emanuel Bartolo, Pierre Grixti u Stephen Dimech.

(e) Illum il-gurnata l-attrici qeghda tghix ma' Stephen Dimech [skond hi minn Gunju 2002].

2. Huwa maghruf li l-kuntratti ghandhom il-forza ta' ligi bejn il-partijiet. Mill-provi ma rrizultax li z-zwieg tal-kontendenti gie annullat, jew li l-kontendenti huma ddivorzjati. Lanqas ma rrizulta li wara li l-

kontendenti sseparaw, l-attrici giet mantnuta minn irgiel ohra. Il-kwistjoni ghalhekk hija ristretta ghall-indagni jekk mill-1998 sehhx il-fatt li l-attrici ***“cohabits with another person”***.

3. Il-kelma *“cohabits”* ma tista’ tfisser xejn ghajr li tnejn min-nies ikunu qeghdin ighixu flimkien. F’*The Concise Dictionary of Law*, il-kelma *cohabitation* hija mfissra bhala: *“Living together as husband and wife”* [p. 65].

4. Il-konvenut jikkontendi li mill-bidunett wara s-separazzjoni martu bdiet tghix ma’ ragel iehor. Xehed ukoll li meta kellu prova ta’ dan kien ha l-passi biex jikkancella isem martu minn fuq il-polza ta’ assigurazzjoni.

5. Bhala xhieda t-Tribunal semgha lill-attrici, lill-konvenut u lil Zachary u Benjamin ahwa Giordano.

Mill-provi rrizulta bl-iktar mod cjar li ghalkemm l-attrici kellha relazzjoni ma’ rgiel ohra, hija ma kenitx qeghda tghix maghhom. Kien biss f’Gunju 2002 li hija bdiet tghix ma’ certu Stephen Dimech. Peress li l-konvenut qieghed jallega li l-attrici ilha s-snin tghix ma’ rgiel differenti, l-oneru tal-prova kien fuqu. Izda l-provi juru l-oppost u t-Tribunal m’ghandu l-ebda ezitazzjoni li jemmen il-verzjoni moghtija mill-attrici. Il-fatt li l-irgiel li maghhom kellha relazzjoni l-attrici kienu jmorru d-dar ghandha u kien hemm xi granet meta wkoll raqdu ghandha, ma jikkwalifikax bhala *cohabits*.

6. Jissemma wkoll li mix-xhieda tal-konvenut irrizulta li huwa ma kienx effettivament ihallas ghall-assigurazzjoni ta’ martu peress li bhala mpjegat tal-Bank Centrali kien kopert minn assigurazzjoni li kienet tkopri wkoll lit-tfal u lill-mara. It-Tribunal jemmen li l-agir tal-konvenut, meta qabad u kkancella isem il-mara minn fuq il-polza, kien iktar frott ta’ pika ghaliex mill-provi rrizulta li f’dak iz-zmien l-assigurazzjoni ma kienet qeghda tiswilu xejn.

7. Dwar il-polza ta' assigurazzjoni u l-hlas li ghamlet l-attrici mill-1998, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati. Mid-dokumenti ezebiti (20-24) il-hlas dovut lill-attrici huwa ta' hames mija u sebghin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm570.64).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hames mija u sebghin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm570.64), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**